**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 36 – 10 ta' Lulju 2014**

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficju amministrattiv tieghu fi Triq Frans Sammut fis 6:30 ta' filghaxija sabiex issir Agenda numru 36. Il-laqgha bdiet fis-6:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | Alfred Grixti | Sindku |
| | Dr. Roderick Aquilina | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Robert Tabone | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| **Skuzati:** | Thomas Agius | Vici-Sindku |
| **Assenti:** | Hadd | |
| **Ufficjal prezenti:** | Paula M. Valletta | Segretarju Ezekuttiv |

**1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Il-Kunsillier George Cortis ippropona li l-minuti ta' Agenda nru 35 jigu approvati kif ipprezentati lill-Kunsilliera kollha. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Robert S. Tabone.

**Dawk Favur;** is-Sindku Alfred Grixti u l-Kunsilliera Philip Said, Robert S. Tabone, Cain Grech u George Cortis

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il- minuti gew approvati (155)

## 2. HWEJJEG LI JOHORGU MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Philip Said saqsa jekk il-laqgha t'evalwazzjoni bejn il-partijiet kollha nvoluti tal-festa ta' San Filep tlaqqghux. Is-Sindku wieġeb li din laqgha ghandha ssir wara li tghaddi l-festa ta' San Guzepp ukoll, sabiex jekk jiltaghu l-partijiet kollha.

2.2 Dwar CCTV cameras imsemmijin f'punt 3.3, is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex tghid x'inghad waqt laqgha apposta organizzata mir-Regjun li jifforma parti minnu l-lokalita' ta' Haz-Zebbug. Hija qalet li ghal din il-laqgha li kienet organizzata gewwa l-uffiċċju tal-G4s, inghatat spjegazzjoni ta' x'fih il-pakkett; jekk kunsill partikolari jaghzel lil din il-kumpanija bi ftit aktar minn Eur2100 ikollu r-recorder kif ukoll 5 cameras, kif ukoll il-wiring adattat. Ir-recorder ikollu l-kapacita li jirregistra filmati minn 24 camera. Is-Segretarju tar-Regjun qalet fl-istess laqgha li l-ispiza ta' Eur2,000 se tkun koperta mir-Regjun bhala ghajnuna. Is-Sindku qal li aktar dettalji jinghataw lilu fil-laqgha tar-regjun li kellha ssir fid-29 ta' Lulju.

2.3 Dahal ghal-laqgha l-Kunsillier Robert S. Tabone.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku Alfred Grixti gab ghall-attenzjoni d-draft management letter li ntbaghtet mill-Awditur Generali wara l-prezentazzjoni tal-Audited Financial Statements li gew approvati ghas-sena 2013. Saret diskussjoni generali mill-kunsilliera b'numru t'interventi, bis-Sindku jwiegeb u jispjega l-interventi relatati. Minhabba d-dettall u t-teknika li jidhol fih dan ir-rapport, kif ukoll minhabba li riedet tinghata risposta sat-2 t'Awissu, is-Sindku ppropona li din ir-risposta ghandha tigi fformulata mis-Segretarju Ezekuttiv bil-ghajnuna tal-Accountant tal-Kunsill Lokali, anke minhabba l-fatt li hafna mill-punti ttrattati kienu spjegati b'reqqa mill-awdituri Messrs. Grant Thornton fil-laqgha li kienet saret fi stadju ta' kumitat f'Mejju 2014. Kien hemm qbil unanimu ghall-proposta li ghamel is-Sindku Alfred Grixti. (156)

3.2 Is-Sindku Alfred Grixti gab ghall-attenzjoni korrispondenza li ntbaghtet mill-Mepa dwar “road alignment” fi Triq Lazzru Pisani. Huwa ppropona li l-laqgha tal-Kunsill ghandha taqa’ fi stadju ta’ Kumitat. Il-laqgha tal-kunsill giet sospiza fis-7:15pm.

Waqt il-laqgha tal-Kumitat, dahal il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina, u l-Kunsilliera Catherine Sammut.

Il-laqgha tal-Kunsill kompliet fit-7:45pm. Dahlu ghal-laqgha zewg membri mill-pubbliku , is-Sur Andrew Micallef u s-Sinjorina Dorianne Pace.

Is-Sindku Alfred Grixti qal li dwar dan ir-“road alignment” li qed issir applikazzjoni ghalih permezz ta’ PC 10/14, il-Kunsilliera kollha waqt id-diskussjoni li kellhom fi stadju ta’ kumitat qablu li ghandhom isiru r-ricerki kollha sabiex jigu stabiliti diversi fatti minn esperti fil-qasam, l-ewwelnett biex jigi stabilit it-tali art li ser tigi affetwata minn dan l-allinnejar hijiex proprjetà tal-gvern jew tas-sidien tad-djar, u li kollox isir b’mod trasparenti. Il-Kunsill m’ghandu l-ebda nteress li jzomm lil xi hadd milli jissalvagwardja l-interessi tieghu pero’ daqstant iehor l-Kunsill Lokali jehtieg li jhares l-interessi tac-cittadini Zebbugin.

Il-kwantifikazzjoni ta’ hlasijiet ghall-parkegg mitluf mill-istess triq (UIF Fees) jappartjeni ghall-MEPA u l-kunsill Lokali m’ghandu l-ebda ndhil fiha, hlief meta jigu biex jitqassmu xi flus minn dan il-fond li minnhom jibbenefika r-rahal in generali.

Wara li jsiru r-ricerki neccessarji sabiex il-membri tal-Kunsill jivverrifikaw u jaccertaw rwiehhom dwar dan is-suggett, il-Kunsill ghandu jghaddi l-kummenti tieghu. Is-Sindku qal li mhux qed jafda ghax meta s-Segretarju Ezekuttiv saqsa lill-case officer jekk hemmx xi permessi ohra li ser jibbenefikaw, dan qallha li m’hemm l-ebda zvilupp iehor f’din iz-zona imma fil-fatt wara li s-Segretarja Eżekuttiva daħlet tfittex fuq is-sit elettroniku tal-MEPA sabet li fil-fatt li kien hem żewġ applikazzjonjiet għal-żvilupp. Il-Kunsill fl-ahhar mill-ahhar jgorr ir-responsabilita u huwa accountable.

3.3 Il-Kunsillier Duncan Bartolo semma korrispondenza li rcieva hu minghand il-Phoenix Sports Club li jinsab in-Naxxar. F’din l-ittra saret it-talba lil dan il-club jigi abbinat ma’ Haz-Zebbug. Dan il-klabb qed jitlob li jibda jissejjah Zebbug Phoenix Sports Club u li jaghmel links mal-website tal-Kunsill.

Is-Sindku Alfred Grixti ppropona li jekk ikun hemm esperjenza pozittiva , dan il-ftehim jerga’ jigi mgedded wara tlett snin. Kien hemm qbil unanimu (157)

3.4 Is-Sindku Alfred Grixti gharraf lill-Kunsilliera li l-librara Cynthia Farrugia kienet baghtet ir-rizenja taghha. Ghaldaqstant il-librerija kienet tinsab minghajr librara.

Minhabba li kienu ghadhom m'ghaddewx sentejn minn l-ahhar intervista li saret ghal-librara, ir-rizultati kienu ghadhom validi. Minhabba li s-Segretarju Ezekuttiv kien diga beda jikkuntattja lil dawk il-kandidati li gabu rizultati li gew 'il quddiem fil-lista jsegwu lis-Sinjura Cynthia Farrugia, il-process kien diga beda. Kienu diga gew ikkuntattjati sitta minnhom u kollha ghal xi raguni jew oħra m'accettawx. Ghaldaqstant minhabba li l-marki tal-kandidati kienu dejjem qed jonqsu, gie deciz li ma taghmilx sens li jigu kkuntattjati dawk li huma aktar l'isfel fil-lista.

Il-Kunsill iddecieda li jigu esplorati l-possibilitajiet li gejjin:

a. Jergghu jigu kkuntattjati l-ewwel erbgha fil-lista, jigifieri l-kandidati li gew qabel is-Sinjura Cynthia Farrugia,

b. Tohrog applikazzjoni ohra,

c. Tinstab xi teacher- librarian mill-iskejjel ta' Ħaż-Żebbuġ li tkun lesta taghmel dan ix-xoghol

d. Jintalab permess mil-librerija centrali sabiex zewg kunsilliera li kienu nteressati jaghmlu dan ix-xoghol volontarjament, jibdew jaghmlu x-xoghol tal-librara.

Il-Kunsilliera Catherine Sammut qalet li tixtieq li tkun taf x'mar hazin u jekk fuq kollox marx xi haga hazina sabiex tigi rrangata s-sitwazzjoni.

Il-Kunsill qabel waqt li l-librerija tkun maghluqa, ghandu jsir upgrade billi tinghata zebgha, u jsiru xkafef mill-haddiema tal-iskema tal-ETC. Ghandha ssir talba wkoll sabiex il-Knisja u l-Kazini u l-Clubs ta' Haz-Zebbug jintalbu sabiex jghaddu l-publikazzjonijiet taghhom sabiex jinzammu fil-librerija.

## 4. VOT TAL-FLUS

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv gie mitlub jigbed l-attenzjoni sabiex isir knis fi Triq Dun Mikiel Xerri. Hija wiegbet li l-kuntrattur kien qed jigu kkuntattjat kuljum dwar *complaints* li kienu qeghdin jaslulu, sahansitra anke bil-miktub.

4.2 Il-Kunsillier Philip Said staqsa x'xoghol qed isir minn M & E Management bhalissa. Is-Sindku Alfred Grixti qal li bhalissa qed isir hafna xoghol fuq il-magazin li dalwaqt ikun ppublikat.

4.3 Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-lista ta' pagamenti ghall-vot. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Cain Grech.

Il-Kunsillier Philip Said qal li qed jivvota favur il-lista kif prezentata minbarra dwar il-vot lejn M & E Management, fejn kien qed jastjeni, filwaqt li l-Kunsillier Roderick Aquilina kien qed jivvota kontra.Il-Kunsillier Robert S.

Tabone kien qed jastjeni dwar il-pagament lejn Mario Cachia. Il-Kunsilliera l-ohra ma kellhom l-ebda riservi, lejn l-ebda kuntrattur/kumpanija.

Dawk Favur; is-Sindku Alfred Grixti u l-Kunsilliera Philip Said, Robert S. Tabone, Cain Grech, George Cortis, Catherine Sammut u Dr. Roderick Aquilina

Dawk Kontra; Hadd

Astensjonijiet: Hadd

**5. MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA**

5.1 Il-Kunsillier Philip Said wera x-xewqa li lejla minn dawk iccelebrati fil-gimgha ta' Jum Haz-Zebbug tkun ddedikata lill-pittur Francesco Saverio Sciortino. Huwa ta' l-opinjoni li ghandu jsir forma ta' rikonnoxximent b'xi forma ta' wirja lil min ghandu dawn it-talenti.

5.2 Is-Sindku qal li ghandu jigi studjat il-kuntratt ta' Gatt Bros. dwar il-provvista tal-arbli tad-dawl sabiex jsir iccekjar jekk dawn il-fanali kellhomx ikunu ggalvanizzati jew le. Ghadnha ssir maintenance sabiex jissolvew il-problemi li nqalghu dwar dawn id-dwal ta' Vjal il-Helsien. Jekk jinstab li dawn il-fanali ma gewx iggalvanizzati, dawn ghandhom jinqalghu, jigu blasted u jinghataw coating filwaqt li jigu nnummerati.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa ghas-7 t' Awwissu 2014 fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fid-8:40 pm.

Alfred Grixti　　　　　　　　　　Paula M. Valletta

Sindku

Segretarju Eżekuttiv